**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 t'April 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Clyde Mallia**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet tal-4 ta' Lulju 2024 - migjuba kontra:

Clyde Mallia ta' 24 sena, iben Keith-Joseph Mallia u Lucy Anne xebba Attard, imwieled Pieta, nhar it-23 ta' Dicembru 1999, residenti 95, Golden Gennet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita 439899M ;

Akkuzat talli nhar nhar l-1 ta' Gunju 2024 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofs in-nhar (13:30hrs) u/jew fix-xahar ta' Gunju 2024 u/jew fix-xhur ta' qabel gewwa l-Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjoni elenkati fl-Iskeda II taht l-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta), minghajr ma kellu licenzja u dan bi ksur tal-

Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. Qatel annimal ta’ razza domestika jew li tappartjeni ghal razza selvagga izda li tkun giet domestikata u dan bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Gieghel annimal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Zamm jew qabel li jzomm annimal minghajr ma kien responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Ma hax dawk il-passi ragonevoli, f’kull cirkostanza sabiex jizgura li l-htigijiet ta’ annimal li huwa responsabbli ghalih, jew li qabel li jiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimal li jinkludi fost ohrajn il-provvista ta’ ambjent xieraq, provvista ta’ dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imgieba normali taghhom, provvista ta’ akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn ugiegh, tbatija, korrimenti u mard u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Gieghel li jsir intervent kirurgiku ghal ragunijiet ta’ bdil tal-apparenza tal-annimal u dan bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli nhar it-3 ta’ Gunju 2024 ghall-habta ta’ nofs inhar nieqes ghaxar minuti (11:50hrs) u/jew fil-granet u/jew fix-xhur ta’ qabel gewwa l-Hamrun u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

7. Saq vettura ta’ ghamla Toyota Vitz registrata b’numru ACM415 minghajr licenzja tas-sewqan u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Saq vettura ta’ ghamla Toyota Vitz registrata b’numru ACM415 minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ghal terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi:

9. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali Onor. Imhallef Dr. Neville Camilleri LL.D fid-digriet datat 13 ta' Lulju 2023, li bih inghata l-helsien mill-arrest;

10. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Astrid May Grima LL.D fid-digriet datat 6 ta' Gunju 2022, li bih inghata l-helsien mill-arrest;

11. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Astrid May Grima LL.D fid-digriet datat 18 ta' Dicembru 2021 li bih inghata l-helsien mill-arrest;

12. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti Kriminali Onor, Imhallef Edwina Grima LL.D fid-digriet datat 21 ta' Novembru 2016 li bih inghata l-helsien mill-arrest;

13. Irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat Clyde Mallia u kif ukoll tordna li l-ammonti stabbiliti fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandhom jigu kkonfiskati fl-intier taghhom jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravita tar-reat.

Il-Qorti giet mitluba fil-kaz ta' htija ghar-reati kollha jew uhud minnhom, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi thaddem kontra l-hati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi tipprojbixxi lil Clyde Mallia milli jkollu xi licenzji skond il-Kapitolu 480 a perjodu li jidhrilha xieraq il-Qorti u dan skond Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tipprojbixxi lill-imputat milli jzomm annimali jew milli jirrisjedi f'post fejn jinzammmu l-annimali ghal dak iz-zmien li jista jkun stabbilit mill-Qorti u dan skond l-Artikolu 45 subartikolu 1(b) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez maghmula mis-servizzi veterinarji bhala rizultat ta' dak ir-reat u dan skond l-Artikolu 58(1) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta

Ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-familjari tal-vittma kif ukoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tax-xhieda kollha li eventwalment iddeponew f'din il-kumpilazzjoni, bil-ghan li x-xhieda kollha jkunu protetti minn fastidju jew imgieba ohra li tikkagunalhom biza ta' vjolenza.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni imsemmija u l-familja taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali taz-zewg partijiet.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Fil-lejl bejn l-1 u t-2 ta' Gunju 2024, Neville Agius irrapporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija li fl-1 ta' Gunju 2024 kien sab qattusa mejta bid-demm hiereg minnha gewwa l-Marsa, hdejn il-post tax-xoghol tieghu bl-isem "Where is the Food". Huwa ivverifika l-filmati tac-CCTV tal-hanut tieghu fejn dehret vettura tal-ghamla Toyota Vitz bajda bin-numru ta' registrazzjoni ACM-415 tieqaf bil-mod, il-qattusa resqet lejn il-vettura, dehret xi haga qed ittir barra mill-karozza, il-qattusa inqalbet ghal mal-art, bdiet tferfer saqajaha u denbha, pero wara ftit sekondi ma baqghetx ticcaqlaq. Huwa ghadda dan il-filmat lill-Pulizija.

ii. Fit-2 ta' Gunju 2024, Agius ha lill-Pulizija fuq il-post fejn kien rema' l-qattusa mejta go garbage bag, u fil-fatt kienet ghadha hemm. Il-qattusa ittiehdet mill-Ufficjali tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Annimali sabiex issirilha awtopsja (necropsy). Mill-awtopsja irrizulta li l-qattusa sofriet ferita fatali kagunata minn *air gun pellet*, liema pellet kienet ghadha fil-gisem tal-qattusa. Ir-rizultanzi tal-awtopsja kienu kompatibbli ma' sparatura.

iii. Waqt l-investigazzjoni, irrizulta li l-vettura li tidher fil-filmat kienet registrata fuq Christine Schembri, u li kienet ilha registrata fuqha mit-28 ta' Mejju 2024. Ghalhekk inhareg mandat ta' arrest fil-konfront taghha.

iv. Fit-3 ta' Gunju 2024, zewg ufficjali tal-pulizija lemhu din il-vettura gewwa l-Hamrun ghal habta ta' 11:52hrs. Huma raw din il-vettura qieghda tinstaq mill-imputat. Ghalhekk inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tieghu ukoll.

v. L-imputat gie arrestat fl-20 ta' Gunju 2024. Waqt it-tfittxija fir-residenza tieghu Hal-Ghaxaq, instab bott mimli pellets.

vi. Christine Schembri giet arrestata wkoll mir-residenza taghha gewwa l-Marsa. Prezenti waqt l-arrest kien hemm it-tifla taghha Xasnolley Schembri. Xasnolley qalet lill-Ufficjal Prosekutur li fid-data tal-incident hija kienet f'relazzjoni mal-

imputat, u li kien l-imputat li spara air gun fid-direzzjoni tal-qattusa u qatilha, waqt li kien qieghed isuq it-Toyota Vitz li kien xtara. Dak il-hin hija kienet fil-vettura flimkien mal-imputat. Hija hadet lill-Pulizija fil-post fejn giet maqtula l-qattusa, li kien l-istess post fejn Agius sab il-qattusa mejta.

vii. Meta l-Ufficjal Prosekutur kienet fir-residenza ta' Christine Schembri gie innutat kelb b'widnejh maqtugha. Xasnolley Schembri qalet li l-imputat kien gab dan il-kelb meta kien ghadu geru, peress li kien joqghod f'dik ir-residenza, u li gurnata minnhom l-imputat hareg bih, u gie lura bil-kelb b'widnejh maqtugha. Wara li hassru r-relazzjoni taghhom, huwa ma hax dan il-kelb mieghu.

viii. Ghaldaqstant, gew istitwiti dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

*L-Ewwel Imputazzjoni - Pussess ta' Arma tan-Nar minghajr Licenzja*

6. L-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat huwa li kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Pulizija. Din l-arma tan-nar qatt ma nstabet mill-Pulizija. Il-Prosekuzzjoni qieghda issejjes din l-imputazzjoni fuq ix-xhieda ta' Xasnolley Schembri u r-ritratti u l-videos li instabu fil-mobile taghha.

7. Il-mobile ta' Xasnolley gie ezaminat minn PS1490 Rudy Karl Buttigieg, li kien stazzjonat is-Cyber Crime Unit. Huwa ghamel estrazzjoni ta' diversi ritratti u vidoes minn dan il-mobile.[1] L-espert tal-informatika mahtur mill-Qorti, Jonathan Mizzi ikkonferma li d-*data* f'dan ir-rapport inharget minn dan il-mobile, li gie esebit in atti.[2]

8. Dawn ir-ritratti juru idejn bit-tattoos fuqhom qed izzommu airgun, kif ukoll ritratt ta' l-airgun b'zewg ghasafar maqtula hdejh.

[1] Ara Dok RB1 a fol. 52 tal-process u l-pen drive ezebita bhala Dok RB3 a fol. 517 tal-process.
[2] Ara Dok JM 1 a fol. 399 tal-process.

9. Fix-xhieda taghha, Xasnolley spjegat li l-mobile li kien juza l-imputat, kien taghha u li hi selfitulu biex juzah. Meta kienet ghadha f'relazzjoni ma' l-imputat, dan il-mobile u dak li kienet tuza hi kienu konnessi ma' xulxin permezz ta' iCloud, u kellhom l-istess account ta' Facebook.[3] Fil-fatt l-espert Jonathan Mizzi ikkonferma li l-mobile ta' Xasnolley kien utilizza l-applikazzjoni iCloud, pero ma setghax jikkonferma jekk l-account kienx qed jigi shared mal-mobile tal-imputat, peress li din l-informazzjoni ma tistax tinhareg mill-mobile li kien qed janalizza.[4]

10. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-persuna li tidher qed tuza l-air gun fil-videos u r-ritratti hija l-imputat, u dan wara li ikkumparat it-tattoos fuq id il-persuna li tidher fir-ritratti mat-tattoos li l-imputat effettivament ghandu fuq idejh, kif jirrizultaw mir-ritratti li ittiehdulu wara li gie arrestat u li gew ezebiti in atti.[5] Dan apparti li fix-xhieda taghha, Xasnolley Schembri gharfet l-airgun fir-ritratti u l-videos bhala l-airgun tal-imputat, u gharfet idejn l-imputat fir-ritratti u l-videos.[6]

11. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid li PS1490 Rudy Karl Buttigieg qatt ma ipprezenta l-extraction li ghamel mill-mobile ta' Xasnolley Schembri. Dan m'huwiex fattwalment korrett. Ghalkemm huwa vera li PS1490 Rudy Karl Buttigieg ma ipprezentax din l-extraction fl-istess seduta li fiha ipprezenta r-rapport tieghu, pero huwa ipprezenta din l-extraction f'seduta sussegwenti.[7] In oltre, kif diga inghad fir-rapport tieghu, l-espert Jonathan Mizzi ikkonferma li d-data kollha fir-rapport ta' PS1490 Rudy Karl Buttigieg giet estrapolata mill-mobile ta' Xasnolley Schembri.

12. Huwa vera li r-ritratti ma jindikawx id-data meta ittiehdu. Pero dan ma jfissirx li m'ghandhom l-ebda valur probatorju, kif timplika d-difza. L-imputat huwa mixli li kellu dan l-airgun fil-pussess tieghu fix-xahar ta' Gunju 2024 u fix-xhur ta' qabel. Fix-xhieda taghha, Xaznolley Schembri gharfet li r-ritratti u l-istills mill-videos ittiehdu mill-karozza Vitz bajda li kellu l-imputat.[8] Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li din il-vettura

---

[3] Ara fol. 103 – 104 tal-process.
[4] Ara fol. 417 tal-process.
[5] Ara Dok SZ 10 a fol. 585.

[6] Ara fol. 103 – 104 tal-process.
[7] Ara Dok RB3 a fol. 517 tal-process.
[8] Ara fol. 103 - 104 tal-process.

giet registrata fuq Christine Schembri, omm Xasnolley, fit-28 ta' Mejju 2024.[9] Minn dan isegwi li r-ritratti u l-videos ittiehdu f'din id-data u/jew fil-granet ta' wara, qabel l-arrest tal-imputat fl-20 ta' Gunju 2024. In oltre, Xasnolley gharfet l-airgun fir-ritratti bhala l-istess airgun li l-imputat uza biex joqtol il-qattusa fl-1 ta' Gunju 2024.[10] Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza pruvat tohloq dubbju dwar l-arma li intuzat biex inqatlet il-qattusa, ghax f'punt wiehed Xasnolley irreferiet ghal senter tal-kacca, pero meta wiehed jaqra l-estratt tad-deposizzjoni ta' Xasnolley iccitat mid-difiza fil-kuntest kollu tax-xhieda taghha, huwa ovvju li hija ma fehmitx domanda wahda partikolari tal-Prosekuzzjoni, ghax meta l-Ufficjal Prosekutur staqsietha x'arma uza l-imputat biex qatel il-qattusa, hija ma kellha l-ebda ezitazzjoni twiegeb li uza l-airgun li jidher fir-ritratti. Il-Qorti tirrileva li l-maggor parti tal-verzjoni tax-xhieda ta' Xasnolley giet konfermata minn xhieda u provi ohra indipendenti.

13. In oltre ix-xhud PS1561 Ian Farrugia ghamel paragun bejn il-pellet li instabet fil-gisem tal-qattusa, u l-bott bil-pellets misjub fir-residenza tal-imputat. Fir-rapport tieghu, huwa jghid hekk:

*"24 BJV 201 - Pellet sparata ta' kalibru 5.5mm. Tizen 1.2 grammi.*

*24 BJV SKZ1 – Container ta' 79 pellets tad-ditta Norica ta' kalibru 5.5mm/ Dawn jiznu madwar 1.2 grammi kull wahda."*[11]

Ghalhekk, kif irrileva dan ix-xhud, il-pellet sparata hija kompatibbli mal-pellets li instabu fir-residenza tal-imputat.[12] Effettivament il-Qorti tirrileva li f'wiehed mir-ritratti li instab fil-mobile ta' Xasnolley jidher bott zghir u tond hdejn l-airgun li fuqu ghandu l-kliem "Norica Premium."[13] Dan il-fatt ma jistax jitqies bhala semplici ko-incidenza, imma hija prova minghajr l-icken dubbju li l-pellet li instabet fil-qattusa kienet tifforma parti mill-pellets misjuba fir-residenza tal-imputat.

14. Mix-xhieda ta' PC2245 Mary Grace Farrugia jirrizulta li l-imputat la ghandu u lanqas qatt kellu licenzja biex izomm xi arma.[14]

---

[9] Ara xhieda ta' Karen Cremona a fol. 457 tal-process.
[10] Ara fol. 104 tal-process.
[11] Ara fol. 442 tal-process.
[12] Ara fol. 438 tal-process.
[13] Ara r-ritratt a fol. 59 a retro, li s-soft copy tieghu tinsab fid-Dok RB3 a fol. 517 tal-process, liema tista' tigi facilment ingrandita.
[14] Ara fol. 471 tal-process.

15. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*__It-Tieni Imputazzjoni – Qtil ta' Annimal ta' razza domestika__*

16. Fit-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jigi mixli li qatel qattusa.

17. Waqt ix-xhieda taghha, Xasnolley Schembri tat deskrizzjoni dettaljata dwar kif waqt li hi kienet riekba bhala passiggier fit-Toyota Vitz, li kienet qed tigi misjuqa mill-imputat, l-imputat spara lejn il-qattusa bl-airgun min-naha tat-tieqa tal-passiggier u qatilha.[15] L-Ufficjal Prosekutur xehdet li fl-istadju tal-investigazzjoni, din ix-xhud kienet haditha fuq il-post fejn il-qattusa giet maqtula, li huwa l-post ezatt fejn Neville Agius sab il-qattusa mejta. Kif diga inghad, Xasnolley ikkonfermat ukoll li l-airgun li uza l-imputat kien l-istess airgun li jidher fir-ritratti u videos li instabu fil-mobile taghha.

18. Id-difiza tissottometti li din il-Qorti ma jistghax ikollha serhan tal-mohh li l-qattusa kienet mejta fil-hin li instabet minn Neville Agius, stante li qabel ma ghamel ir-rapport tieghu lill-Pulizija, dan ix-xhud pogga l-qattusa go garbage bag, u poggieha fejn jitfghu z-zibel. Id-Difiza tissottometti wkoll li l-provi ma setghux jigu preservati bl-ahjar mod stante li l-qattusa giet mcaqalqa minn Agius. Il-Qorti tirrileva li fir-rapport tal-awtopsja taghhom, il-veterinarji Dr Violet Azzopardi u Dr Justin Camilleri ikkonkludew hekk:[16] *"The cat sustained a fatal injury due to an air gun pellet, which caused the perforation of the trachea and a cervical fracture at C4, C5. The absence of an exit wound indicates the projectile remained within the body. The findings are consistent with a shooting."* Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-perforazzjoni tat-trachea – cioe il-pipe tan-nifs – ma setghetx hlief ikkagunat il-mewt prattikament istantanja tal-qattusa. Fil-fatt mill-filmat tac-CCTV jidher car li l-qattusa ferfret ghal ftit sekondi saqajha u denbha, imbaghad ma iccaqalqiltx izjed. Mill-istess filmati jirrizulta wkoll li l-isparatura saret fit-13.38hrs u Neville Agius gabar il-qattusa minn fuq il-bankina fl-16:17 hrs – u cioe iktar minn

[15] Ara fol. 99 – 117 tal-process.
[16] Ara Dok VA1 a fol. 142 – 145 tal-process.

saghtejn u nofs wara l-isparatura. Matul dan il-hin kollu, il-qattusa baqghet ma tharriktx, u ghaldaqstant, il-Qorti hija moralment konvinta li l-qattusa kienet mejta.

19. Id-difiza tissottometti wkoll li Neville Agius qatt ma ikkonferma bil-gurament il-filmat tal-isparatura tal-qattusa, stante li fid-data li fiha xehed, il-filmat kien ghadu ma giex ezebit in atti, u l-filmat gie ezebit f'seduta sussegwenti minn PS2140 Christy Cremona.[17] Dan huwa fattwalment korrett, kif inhu fattwalment korrett li PS2140 xehdet li dan il-filmat intbaghat fuq generic email, u ma ikkonfermatx min kien il-persuna li baghat dan il-filmat lill-Pulizija.[18] Pero huwa vera wkoll li fir-rapport tieghu lill-Pulizija, Agius dahal fid-dettal tas-sekwenza tal-fatti li ra fil-filmat, inkluz in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura,[19] u din is-sekwenza tal-fatti effettivament tirrizulta mill-filmat ezebit mill-Prosekuzzjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli li l-filmat ezebit minn PS2140 Christy Cremona huwa l-istess filmat li ra Neville Agius u inghata lill-Prosekuzzjoni minn Neville Agius.

20. *Ex abbuntantia*, il-Qorti tirrileva illi hija gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi l-fatt li l-persuna li tkun hadet ir-ritratti jew il-video esebiti fl-atti processwali qatt ma tat ix-xhieda taghha biex tikkonferma bil-gurament l-awtenticita o meno tal-istess ritratti jew video, ma jirrendix dawn ir-ritratti inammissibbli, jekk ir-ritratti u l-video ikunu relevanti ghal kaz.[20]

21. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li anke din it-tieni imputazzjoni giet debitament ippruvata lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

---

[17] Ara fol. 138 tal-process.
[18] Ara fol. 136 tal-process.
[19] Ara fol. 18 -19 tal-process.
[20] Ara is-sentenza **Il-Pulizija vs David Sant** deciza fil-15 t'Ottubru 2007 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[20] *per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*It-Tielet, ir-Raba', il-Hames u s-Sitt Imputazzjoni – Nuqqas ta' Harsien ta' Annimal u Intervent Kirurgiku ghal bdil ta' apparanza fuq annimal*

22. Dawn l-imputazzjonijiet jikkoncernaw diversi reati dwar mohqrija ta' annimali, trattament mhux xieraq ta' annimali, nuqqas ta' kura ta' annimali u intervent kirurgiku ghal bdil ta' apparenza ta' annimal.

23. Fin-nota ta' sottomissjoniet, id-difiza taghmel l-almu taghha biex titfa' dubbju fuq min kien sid il-kelb li instab fid-dar ta' Christine Schembri, u min kien qed jiehu hsiebu. Id-difiza donna tinsa li fl-istqarrija tieghu l-imputat jaghmilha cara diversi drabi li kien hu li adotta l-kelb, u hadu fir-residenza ta' Christine Schembri. Fil-fatt huwa spjega li l-kelb kellu sitt xhur, li kien tahulu Jeantwan Cuschieri bhala donazzjoni, meta kellu biss xi xahar. Meta gabu kien hadu fir-residenza ta' Schembri, biex ma jhallihx hdejn zewgt iklieb ohra kbar tieghu, biex ma jaghmlux ghalih.[21] Huwa halla l-kelb ghand Schembri meta r-relazzjoni tieghu ma' Xasnolley intemmet. Pero huwa jirrepeti kemm il-darba li Christine Schembri u bintha Xasnolley kienu jibghatulu diversi messaggi biex imur jiehu l-kelb.[22] Hu jghid ukoll li kien fadallu imur jigbor il-kelb minghand Christine Schembri.[23]

24. Ghaldaqstant, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju min kien sid il-kelb. Kieku l-kelb kien ta' Xasnolley, hi u ommha ma kienux ser joqghodu jibghatu messaggi lill-imputat biex imur jiehu l-kelb. Min-naha l-ohra, kieku l-kelb ma kienx tal-imputat, l-imputat ma kienx ser jammetti li ghad fadallu jmur jigbor il-kelb mir-residenza ta' Schembri. Ovvjament la l-kelb kien fir-residenza ta' Schembri, u tenut kont tal-fatt li l-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu li kien johrog regolarment u ghal sieghat twal mid-dar ta' Schembri, min kien ikun id-dar kien itih jiekol u jiehu hsiebu hu wkoll. Il-fatt li specjalment Xaznolley Schembri kienet affezzjonat ruhha hafna mal-kelb, kif jixhed il-Facebook profile taghha, ma jfissirx li kienet is-sid tieghu. Fil-fatt kif inghad, meta ir-relazzjoni taghha mal-imputat spiccat, hija bdiet tinsisti mieghu biex jiehu l-kelb mieghu – haga li certament ma kinietx taghmel li kieku kienet verament sid il-kelb.

[21] Ara fol. 507 tal-process.
[22] Ara fol. 482 u 489 tal-process.
[23] Ara fol. 490 tal-process.

25. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li Jeantwan Cuschieri tah il-kelb b'widnejh maqtughin.[24] Pero l-provi juru l-kuntrarju. Jeantwan Cuschieri stess xehed li ragel bl-isem ta' Clyde kien ikkuntattjah u hu tah il-kelb b'widnejh intatti.[25] Mix-xhieda u r-rapport ta' PS234 Ryan Mugliett jirrizulta li fil-Facebook profile ta' Xaznolley Schembri kien hemm diversi ritratti u videos tal-kelb zghir b'widnejh intatti. Meta kiber imbaghad, il-kelb jidher b'widnejh maqtugha.[26]

26. In oltre, fir-rapport tal-espert Jonathan Mizzi, hemm screenshots ta' diversi chats ma' Jeantwan Cuschieri. F'dawn ic-chats hemm ritratt tal-imputat qed izomm il-geru b'widnejh intatti.[27] Mill-kontenut tac-chats, huwa ovvju li dawn ic-chats gew skambjati wara li Cuschieri ta l-geru lill-imputat, stante li Cuschieri jaghti suggerimenti dwar it-trobbija tal-kelb.

27. Christine Schembri xehdet li gurnata minnhom l-imputat gie lura d-dar bil-kelb fuqu b'widnejh maqtuha. Il-kelb kien ghadu taht l-effett tal-loppju.[28]

28. Mix-xhieda tal-veterinarju Dr Justin Camilleri[29] u d-dokumenti minnu ezebiti, jirrizulta wkoll li mir-ritratt li kien hemm fuq cushion fir-residenza ta' Christine Cuschieri waqt l-ispezzjoni li ghamel, il-kelb kien ghad ghandu widnejh intatti, u ma kien hemm l-ebda raguni jew gustifikazzjoni medika ghal dan l-intervent.

29. Id-difiza issottomettiet illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx prova ta fejn sar l-intervent kirurgiku u jekk sarx minn veterinarju jew taht ordni ministerjali. Il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 9(1) tal-Kapitolu 439 jesigi li interventi kirurgici jsiru ghal ragunijiet ta' kura, u ghall-ebda raguni ohra. Kif diga inghad, il-veterinarju Dr Justin Camilleri xehed li ma kienet l-ebda raguni medika li tiggustifika li l-kelb jinqatghulu widnejh, u ghalhekk dawn ma setghux jinqatghu, la minn veterinarju u lanqas taht ordni Ministerjali.

[24] Ara fol. 640 tal-process.
[25] Ara fol. 131 – 133 tal-process.
[26] Ara fol. 61 tal-process u Dok RM1 a fol. 63 tal-process.
[27] Ara fol. 420 tal-process.
[28] Ara fol. 128 tal-process.
[29] Ara fol. 82 u fol. 146 tal-process

30. Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni dedotta kontrieh, u cioe li gieghel li jsir intervent kirurgiku ghal ragnijiet ta' bdil tal-apparenza tal-annimal.

31. Il-Qorti qed issib lill-imputati hati wkoll tat-tielet imputazzjoni, u cioe li gieghel annimal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq bla bzonn, u tar-raba' imputazzjoni li zamm annimal minghajr ma kien responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu.

32. Mill-provi prodotti, inkluz mill-istqarrija tal-imputat, jirrizulta wkoll li l-imputat ma hax dawk il-passi ragonevoli sabiex jizgura li l-htigijiet ta' annimal li hu responsabbli ghalih jintlahqu bi prattici tajba, biex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimal. Fl-istqarrija tieghu stess l-imputat ammetta li wara li hu u Xaznolley Schembri ma baqghux flimkien, hu halla l-kelb id-dar ta' Schembri. Dan apparti l-fatt li mill-istqarrija tieghu jirrizulta li anki meta kienu ghadhom flimkien, hu kien johrog mid-dar ta' Schembri regolarment u ghal tul ta' hin, u ghalhekk kienet Xasnolley u l-membri l-ohra tal-familja taghha li kienu jiehdu hsieb il-htigijiet tal-kelb.

33 Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti issib lill-imputat hati tat-tielet, ir-raba', il-hames u sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

*Is-Seba' u t-Tminn Imputazzjoni – Sewqan minghajr licenzja u minghajr assigurazzjoni*

34. Christine Schembri xehdet li l-vettura ACM-415 kienet tappartjeni lill-imputat. Hija qalet li hi accettat li din il-vettura tigi registrata fuq isimha biex taghmilu pjacir, ghax l-imputat qalilha li ma setghax jirregistraha fuq ismu ghaliex kellu kaz il-Qorti.[30]

35. Mill-provi prodotti jirrizulta li qabel ma Christine Schembri giet registrata bhala sid il-vettura ACM-415 fit-28 ta' Mejju 2024, din il-vettura kienet registrata fuq John Tonna.[31] John Tonna xehed li kien it-tifel tieghu Jean Claude Tonna li ha hsieb il-bejgh tal-karozza

[30] Ara fol. 125 tal-process.
[31] Ara xhieda ta' Karen Cremona a fol. 457 tal-process, u d-dokument minnha ezebit.

tieghu.[32] Min-naha tieghu Jean Claude Tonna ikkonferma li din il-vettura kien bieghha lill-imputat billi kien gharfu fl-awla.[33]

36. Fir-rapport tieghu, l-espert Jonathan Mizzi analizza c-chat fuq Facebook Messanger bejn Jean Claude Tonna u l-kuntatt tal-Facebook ta' Xasnolley Schembri.[34] Ghalkemm meta inbdew dawn il-proceduri l-account tal-Facebook qieghed biss f'isem Xasnolley Schembri, din ic-chat ma thalli l-ebda dubbju li l-imputat kien juza l-istess Facebook account. Fil-fatt, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti li hu u Xasnolley kellhom Facebook account flimkien, ghalkemm jghid li l-Messenger ma kienx fuqu. Pero din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-imputat kien qieghed jikkomunika ma' Tonna billi juza l-profil tal-Facebook ta' Xasnolley. Dan ghaliex fil-voice message fic-chat ta' Tonna tinstema' vuci ta' ragel, li qed jiftiehem ma' Tonna meta u kif ser jiehu l-vettura. In oltre, r-ritratt li ntbaghat f'din ic-chat partikolari jidher l-imputat izomm il-log book tal-karozza biex juri lil Tonna li kien sar it-transfer. Hemm ukoll video tal-imputat jiccekkja l-magna tal-karozza. Meta wiehed iqabbel ir-ritratti tar-ragel li jidher f'din ic-chat mar-ritratti tal-imputat ezebiti mill-Prosekuzzjoni,[35] din il-Qorti hija moralment konvinta li fejn jidher il-log book tal-vettura registrata fuq isem Christine Schembri tidher ezatt l-istess tattoo ta' fuq id il-leminija tal-imputat, fil-waqt li fil-video f'din ic-chat tidher l-istess tattoo li tidher fuq id ix-xellugija tal-imputat tipprova tirranga l-magna tal-vettura.

37. Kuntarjament ghal dak li issottomettiet id-difiza fin-nota ta' sottomissjoniet taghha, kemm PC 2417 Maria Tabone kif ukoll PC 1225 Rodney Zammit xehdu li fit-3 ta' Gunju 2024 ghall-habta tal-11:52 hrs raw lill-imputat isuq il-vettura ACM-415 in kwistjoni gewwa l-Hamrun. PC2417 Maria Tabone xehdet hekk *"il-kollega tieghi gharaf lix-xufier li huwa Clyde Mallia li qed naghraf f'din l-awla. Jiena ikkonfermajt peress illi mis-sistema taghna tal-Pulizija gharaft ir-ritratt u ikkonfermajt li kien l-istess persuna li kien qieghed isuq il-vettura fit-3 ta' Gunju."*[36] Min-naha l-ohra PC1225 Rodney Zammit xehed hekk: *"Issa, jiena gharaft lis-sinjur ... ... lill-imputat, beda jsuq il-vettura ... ...*

[32] Ara fol. 323 tal-process.
[33] Ara fol. 323 tal-process.
[34] Ara Dok JM1 a fol. 399 tal-process.
[35] Ara Dok SZ10 a fol. 585 tal-process.
[36] Ara fol. 373 tal-process. Ara wkoll fol. 375.

*nhar it-tlieta (3) ta' Gunju twenty twenty-four (2024), fil-hdax u tnejn u hamsin minuta (11:52).*[37]

38. Fl-ahharnett, il-Qorti tirrileva li fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li saq il-vettura bejn tlieta u erba' darbiet, biex jaghmel xi qadi ghal Christine Zammit.[38]

39. Mill-provi jirrizulta ampjament li l-imputat m'ghandux licenzja tas-sewqan, u lanqas qatt kellu wahda.[39]

40. Konsegwentement, il-Qorti tikkonkludi li s-seba' u tminn imputazzjoni gew debitament ippruvati skond il-ligi.

*L-Imputazzjonijiet numru Disgha, Ghaxra, Hdax u Tnax: Ksur ta' erba' digrieti tal-helsien mill-arrest*

41. In vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel tminn imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, isegwi li l-imputat naqas li josserva wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-diversi digrieti tal-helsien mill-arrest moghtija f'kawzi ohra li ghandu pendenti fil-konfront tieghu.

42. Kif sewwa irrilevaw iz-zewg partijiet, l-imputazzjoni numru tnax (12) ma gietx ippruvata, stante li mix-xhieda tal-Assistent Registratur Marica Mifsud jirrizulta li l-kawza in kwistjoni giet deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 t'April 2024, u ma kienx hemm appell minnha.[40] Ghalhekk id-digriet tal-helsien mill-arrest tal-21 ta' Novembru 2016 ma kienx ghadu iktar fis-sehh, meta gew kommessi ir-reati de quo.

[37] A fol. 381 tal-process. Ara wkoll fol. 383.
[38] Ara fol. 479, 480 u 486 tal-process.
[39] Ara xhieda ta' Karen Cremona a fol. 457 tal-process.
[40] Ara fol. 255 tal-process.

43. Min-naha l-ohra, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li t-tlett digrieti tal-helsien mill-arrest imsemmija fl-imputazzjonijiet numru disa' (9), ghaxra (10) u hdax (11) ghadhom in vigore, kif ikkonfermaw l-ispetturi Joseph Mercieca, Doriette Cuschieri u Christina Delia rispettivament. Il-Prosekuzzjoni ezebiet ukoll vera kopja ta' dawn it-tlett digrieti.[41]

*<u>It-Tlettax Imputazzjoni: L-Addebitu tar-Recidiva</u>*

44. Fl-ahhar nett, l-imputat gie mixli li hu recidiv. L-Ufficjal Prosekutur ezebiet vera kopja ta' tlett sentenzi fil-konfront tal-imputat moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, wahda deciza fl-10 ta' Gunju 2010,[42] ohra fid-19 ta' Gunju 2017,[43] u ohra fit-12 ta' Jannar 2017.[44] It-tlett sentenzi fihom il-konnotati tal-imputat Clyde Mallia, li jaqblu ma' dawk tal-imputat fil-kawza odjerna.

45. Ghaldaqstant, dan l-addeibtu tar-recidiva gie debitament ippruvat.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

46. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu fedina penali raffrettarja. Minkejja li huwa ghad ghandu biss hamsa u ghoxrin (25) sena, huwa ghandu disa' (9) kundanni minn dawn il-Qrati: zewg kundanni ghal serq semplici, u seba' kundanni ghal diversi reati ta' serq ikkwalifikat. Huwa inghata diversi opportuntajiet minn dawn il-Qrati fosthom zewg ordnijiet ta' liberta kondizzjonata u erba' sentenzi sospizi, tlieta minnhom b'ordni ta' supervizjoni. Imma l-imputat baqa' jwebbes rasu u baqa' miexi fit-triq tal-kriminalita, tant li sussegwentement inghata diversi pieni ta' habs effettiv. Pero jidher li l-imputat baqa' ma tghallem xejn.

[41] Ara Dok MM6 a fol. 274, Dok MM7 a fol. 286 u Dok MM8 a fol. 293 tal-process.
[42] Ara Dok SZ11 a fol. 586 tal-process.
[43] Ara Dok SZ12 a fol. 596 tal-process.
[44] Ara Dok SZ13 a fol. 599 tal-process.

47. Ghalkemm l-imputat inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest f'dawn il-proceduri fl-4 ta' Lulju 2024, huwa baqa' taht arrest preventiv, billi ma setghax isib terz garanti ghall-finijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest. Matul parti sostanzjali ta' dan il-perjodu, hu kien qieghed jigi segwiet minn Ufficjal tal-Probation taht ordni ta' supervizjoni. Pero mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation ma jirrizultax li l-imputat gharaf juzufruwixxi miz-zmien ta' detenzjoni tieghu biex jipprova itejjeb hajtu. Fil-fatt huwa addirittura irrifjuta li jkollu ghajnuna ta' psikologa[45] – ghajnuna li l-Qorti hija certa li kienet tkun ta' hafna utilita ghalih. Fil-fatt fl-ahhar rapport tieghu tal-4 t'April 2024, l-Ufficjal tal-Probation informa lill-Qorti li ghadu qed iheggeg lill-imputat biex jibda jaghmel kuntatt mal-professjonisti gewwa l-habs. Dan certament ma jawgurax tajjeb, ghax mill-atti irrizulta li l-imputat ghandu problema ta' tossiko-dipendenza, u gej minn familja mhux stabbli, u membri tal-familja tieghu ukoll ghandhom storja ta' kundanni l-habs. Ghalhekk, huwa car li l-imputat iktar u iktar ghandu bzonn ghajnuna ta' professjonisti, jekk irid ibiddel hajtu.

48. Ghal finijiet tal-piena, il-Qorti tqis li hemm il-konkors formali jew ideali tar-reati bejn it-tielet, r-raba' u s-sitt imputazzjoni, u ghalhekk se taghti piena biss ghas-sitt imputazzjoni.

49. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea fil-kaz odjern hija wahda ta' habs effettiv, li tirrifletti n-natura tar-reati li l-imputat instab hati taghhom.

50. Rigward il-ksur tat-tlett digrieti tal-helsien mill-arrest, il-Prosekuzzjoni talbet li l-Qorti tirrevoka id-digrieti tal-helsien mill-arrest, u l-ammonti tal-garanzija jigu konfiskati, in toto jew in parte, favur il-Gvern ta' Malta. Fil-waqt li l-Qorti taqbel li d-digrieti tal-helsien mill-arrest ghandhom jigu revokati, hija tal-opinjoni li ghandha tordna l-konfiska tal-garanzija in parte.

51. Fic-citazzjoni, il-Prosekuzzjoni talbet ukoll lill-Qorti tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez maghmula mis-servizzi veterinarji in konnessjoni mar-reati kommessi minnu, u dan skond l-Artikolu 58(1) (recte 45(3) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti

[45] Ara fol. 677 tal-process.

tirrileva li Prosekuzzjoni naqset li tipproduci prova ta' dawn l-ispejjez tas-servizzi veterinarji, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

**Konkluzjoni**

52. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni numru tnax (12) dedotta fil-konfront tieghu, u qed tilliberah minnha.

(2) Wara li rat l-Artikoli 5(1) tal-Kapitolu 480, l-Artikoli 13, 8(2), (3) u (4) u Artikolu 9 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3(1) u (2)(a) tal-Kapitolu 104, l-Artikoli 579(2) u (3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) snin.

(3) Inoltre ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

(4) Tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lill-hati mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef Dr Neville Camilleri fit-13 ta' Lulju 2023, u tordna ir-riarrest tieghu f'dawk il-proceduri kriminali, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depositu ta' erbat elef Euro (€4000), liema depositu kien impost fl-istess digriet.

(5) Tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lill-hati minn din il-Qorti preseduta mill Magistrat Dr Astrid May Grima fis-6 ta' Gunju 2022, u tordna ir-riarrest tieghu f'dawk il-proceduri kriminali, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' parti mid-depositu fl-

ammont ta' erbat elef Euro (€4000), formanti parti minn somma akbar ta' depositu impost fl-istess digriet.

(6) Tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lill-hati minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Astrid May Grima tat-18 ta' Dicembru 2021, u tordna ir-riarrest tieghu f'dawk il-proceduri kriminali, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depositu ta' tlett elef Euro (€3000), liema depositu kien impost fl-istess digriet.

(7) In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

(8) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Xasnolley Schembri u Christine Schembri. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

(9) Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lil din il-Qorti diversament preseduta li quddiemha jinsabu pendenti l-proceduri kriminali kontra l-hati.

(10) Il-Qorti tordna komunika ta' l-Ordni ta' Trazzin lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**